MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 96/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Tanti u**
**Anthony Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Tanti u Anthony Tanti talli:

(1) fis-7 ta' Dicembru 2006 u fil-granet ta' qabel fil-Belt Valletta u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

(2) taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Lil Noel Tanti wahdu:

(3) talli b'hekk jitqies li sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali tal-11 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha baghat lil kull wiehed mill-appellanti (allura imputati) biex jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikoli:

(a) 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) 49 u 50 tal-Kap. ( tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Noel Tanti hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ossia dawk indikati fil-paragrafi (b) u (c) tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju msemmija, u wara li rat l-artikoli 49, 50 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, ossia dawk indikati fil-paragrafi (a) u (d) ta' l-imsemmija nota, u kkundannatu ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija. Inoltre ma sabitx lill-imsemmi Antoine Tanti hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ossia dawk indikati fil-paragrafi (b) u (c) tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju msemmija, u wara li rat l-artikoli 49, 50 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, ossia dawk indikati fil-

paragrafi (a) u (d) ta' l-imsemmija nota, u kkundannatu ghal perijodu ta' xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Noel Tanti pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabet lill-appellanti mhux hati, u tirrevokaha ghall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tibdilha dwar il-piena billi tinfliggi wahda li aktar taghmel ghal kaz u ghac-cirkostanzi.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Noel Tanti pprezentat fit-23 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabitu mhux hati u tirrevokaha ghall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tindilha dwar il-piena billi tinfliggi wahda li taghmel aktar ghall-kaz u ghac-cirkostanzi;

Rat ukoll ir-rikors ta' Anthony Tanti pprezentat fil-25 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjoni, htija u piena; (2) tirriformaha fil-parti tas-sentenza moghtija u tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-28 ta'Ottubru 2009 l-Avukat Dottor Jason Grima ghall-Avukat Generali eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ta' Anthony Tanti peress li talab ir-revoka tas-sentenza minflok il-varjazzjoni ta' l-istess. Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikors imsemmi jispjega car x'inhuma t-talbiet ta' l-appellant, u cioe` biex din il-Qorti tikkonferma s-

sentenza appellata fejn illiberat lill-appellant u tirrevokaha fejn sabitu hati, u, alternattivament, biex tirriformaha in kwantu l-piena dedotta. Ghalhekk l-eccezzjoni mhijiex qed tigi milqugha.

L-aggravji ta’ l-appellant Noel Tanti huma s-segwenti: (1) li jonqos l-element ta’ *mens rea* mehtiega; (2) li jonqos l-element ta’ skop ta’ beneficcju jew vantagg; (3) li l-fatt li kien hemm separazzjoni *de facto* kien maghruf ghall-awtorita` pubblika; (4) li ma kienx mehtieg ghall-finijiet tat-trasferiment, minhabba dak li jghid il-Kodici Civili, il-kunsens tal-mara, u ghalhekk jekk kienx separat jew le kien irrilevanti; (5) li l-awtorita` pubblika ma gietx indotta fi zball, u tapplika l-grossolanita` wkoll ghal kaz bhal dan ta’ *falso ideologico*; (6) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata li tqis is-separazzjoni bhala status civili; fuq l-effetti tas-separazzjoni *de facto*, u fuq l-ekwivocita` tal-kelma “separat”, jekk kien hemm dubju ghandu jmur favur l-akkuzat.

L-aggravji ta’ l-appellant Anthony Tanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ligi Maltija tikkontempla wkoll is-separazzjoni *de facto* u ghalhekk meta ssottoskriva ghat-taghrif fl-applikazzjoni in kwistjoni, huwa ssottoskriva biss ghall-fatt li Noel Tanti kien separat u mhux li kien separat permezz ta’ pronuncjament tal-Qorti jew permezz ta’ kuntratt bonarju; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-element tax-xjenza huwa nieqes; (3) li, minghajr pregudizzju, gie kkonfermat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kummerc li kien biss recentement li d-Dipartiment beda jirrikjedi l-kunsens taz-zewg konjugi biex jippermetti t-trasferiment ta’ licenzja, u ghalhekk ma kienx necessarju li ssir xi forma ta’ dikjarazzjoni falza sabiex it-trasferiment ikun jista’ jsir; (4) li, minghajr pregudizzju, jekk jigi koncess illi d-dikjarazzjoni hija wahda falza, l-imputazzjoni xorta ma treggix ghax minn korrispondenza mad-Dipartiment kien johrog car li Noel Tanti kellu l-istat ta’ mizzewweg; (5) li, minghajr pregudizzju, l-aplikazzjoni mtliet a bazi ta’ taghrif provdut lill-awtorita` koncernata minn terzi, u bil-firma tieghu l-appellant semplicement ikkonferma l-fatt illi ried jaccetta li l-licenzja tigi trasferita fuq ismu; (6) li, minghajr pregudizzju, il-konkluzjoni ta’ l-

ewwel Qorti li hu recidiv hi infondata peress illi l-awment tal-piena fuq il-bazi tar-recidiva hija applikabbli biss meta tinghata l-piena massima ghar-reat in kwistjoni.

L-appellanti nstabu hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**“Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn jew multa:**
**Izda ebda haga f’dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta’ xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla.”**

L-elementi mehtiega sabiex persuna tinsab hatja ta’ dan ir-reat huma (1) li bl-agir taghha dik il-persuna jkollha l-iskop li tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor; (2) li jrid ikun f’dokument li huwa mahsub ghal xi awtorita` pubblika; u (3) li xjentement taghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghti taghrif falz.

Kwantu ghall-ewwel element, f’dan il-kaz, apparti dak li ser jinghad aktar ‘il quddiem, l-appellant Noel Tanti applika biex il-licenzja fuq il-hanut Champ Pastizzerija, 65 Triq San Gorg, San Giljan, tigi kancellata minn fuq ismu u tigi trasferita fuq isem huh. L-appellant Anthony Tanti ssottoskriva l-applikazzjoni biex juri li kien qieghed jaccetta li l-licenzja tigi trasferita fuq ismu. Mela Noel Tanti kien qieghed zgur jagixxi a beneficcju ta’ haddiehor filwaqt illi Anthony Tanti kien qieghed jagixxi a beneficcju tieghu nnifsu.

Kwantu mbaghad it-tieni element, m’hemmx dubju li l-applikazzjoni in kwistjoni kienet intiza ghal awtorita` pubblika, effettivament id-Dipartiment tal-Kummerc.

Dak li jrid issa jigi ezaminat huwa jekk saritx dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew inghatax taghrif falz u, fl-affermattiv, jekk dan sarx xjentement. L-appellanti ghamlu hafna enfasi fuq il-fatt illi l-appellant Noel Tanti kien separat *de facto* u li l-ligi u l-gurispudenza jaghtu rikonoxximent ghal dan l-istat; ghalhekk meta ddikjara li huwa separat ma ghamilx dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

M’hemm l-ebda dubju li Noel Tanti kien, fil-mument li ghamel l-applikazzjoni, separat *de facto*. Izda tali stat ma jippermettilux jagixxi bhala persuna separata legalment. Hija s-separazzjoni legali li tolqot l-effetti taz-zwieg u mhux is-separazzjoni *de facto*. Sakemm tigi pronunzjata s-separazzjoni legali, jibqghu vigenti l-obbligi kollha marbutin ma’ l-istat taz-zwieg, salv fejn provdut mod iehor permezz ta’ digrieti *ad hoc* tal-Qorti tal-Familja, per ez. dwar manteniment, access u kustodja tat-tfal, residenza, ecc. Fil-kaz in ezami l-appellant Noel Tanti kien biss separat *de facto*, u din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-appellant Anthony Tanti kien ben konxju ta’ dan – minbarra li huwa huh, fl-istqarrija tieghu Anthony Tanti jghid li hu u huh kienu ilhom xi sittax-il sena flimkien. Anke l-ittra tal-konsulent legali ta’ Noel Tanti tat-30 ta’ Novembru 2006 lid-Dipartiment ma tghidx li kien separat. Anzi dik l-ittra tindika li kien mizzewweg meta tghid li l-appellant *“could at law relinquish the lease, as this was a lease of a commercial undertaking which he is presumed to run without the need of any intervention or participation of his wife.”* Aktar u aktar mela li fl-applikazzjoni l-appellant Noel Tanti ma setax jiddikjara li kien “separat” izda li kien “mizzewweg”. Semmai seta’ jispecifika, bhalma ghamel fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, li “m’ahniex separati bil-Qorti”.

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, l-appellant Noel Tanti jghid li ma qalx lil tad-Dipartiment li hu kien separat. Izda hekk hemm miktub u ghal tali dikjarazzjoni ffirma. L-appellant Anthony Tanti fl-istqarrija tieghu jghid li huh qal lil tad-Dipartiment li kien separat u ma kienx hu li ssuggerielu li jghid hekk. Izda hu ssottoskriva ghal dik id-dikjarazzjoni. Dan juri li dak li ghamlu l-appellanti, ghamluh xjentement, cioe` f’cirkostanzi fejn kienu jafu li Noel Tanti ma kienx

separat legalment. U f'cirkostanzi fejn il-hanut in kwistjoni (fil-kuntratt indikat bhala "business premises") kien gie mikri minn Noel Tanti u martu Sylvana Tanti flimkien permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Frar 2001 (Dok. MP1 a fol. 67 – 69), li dan kien matul iz-zwieg taghhom u allura l-licenzja harget f'isem Noel Tanti matul l-istess zwieg, li fl-14 ta' April 2005 Noel Tanti wahdu ttermina l-lokazzjoni u fl-istess gurnata l-kirja nghatat lill-appellant Anthony Tanti (ara Dok. MP2 u MP3 a fol. 70 – 71), u li dan il-kambjament fl-inkwilin sar wara li Sylvana Tanti kienet istitwiet proceduri ta' separazzjoni (b'citazzjoni pprezentat fit-3 ta' Jannar 2005 – ara Dok. JS1 a fol. 39 *et seq.*) li kienu jinkludu talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'hekk bic-cessjoni antecedenti tal-kirja tal-fond in kwistjoni u bit-trasferiment tal-licenzja, parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti – li kienet ghadha ma gietx likwidata u xolta mill-Qorti – u, f'dan il-kaz parti min-negozju, kienet qed tigi trasferita.

Ghaldaqstant l-aggravji kollha ta' l-appellanti fil-mertu qeghdin jigu michuda.

Dwar il-piena jirrizulta illi l-ewwel Qorti kkundannat liz-zewg appellanti ghal piena ta' prigunerija peress illi ziedet il-piena ta' multa bi grad fejn allura l-piena titla' ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur. Jinghad mill-ewwel li l-aggravju numru sitta ta' l-appellant Anthony Tanti dwar meta tista' tigi applikata r-recidiva ma jaghmilx sens u huwa nfondat.

Issa, li l-Qorti zzid il-piena minhaba recidiva hi fakoltattiva, u din il-Qorti temmen illi hemm cirkostanzi li jimmilitaw kontra l-imposizzjoni ta' piena karcerarja. L-ewwelnett jirrizulta mill-provi li d-Dipartiment approva l-applikazzjoni mhux fuq id-dikjarazzjoni kontenuta fl-applikazzjoni izda fuq l-opinjoni ta' l-avukat ta' l-appellant Noel Tanti li l-firma ta' mart Noel Tanti ma kinitx mehtiega minhabba li si trattava ta' *"a commercial undertaking"*. Jirrizulta wkoll li ma kienx id-Dipartiment tal-Kummerc li talab lill-Pulizija biex jipprocedu, izda Sylvana Tanti. Kwantu mbaghad ghall-fedina penali ta' l-appellant Noel Tanti, din tirrispekkja xi kontravvenzjonijiet tal-ligijiet tat-traffiku, xi

kazijiet ta' incidenti ma' martu u xi kazijiet relatati man-negozju tieghu. Fil-kaz ta' l-appellant Anthony Tanti, il-fedina penali turi xi kazijiet relatati man-negozju tieghu (nuqqas ta' hlas ta' pagi u ksur tal-ligi tal-VAT). Ghalhekk din il-Qorti temmen illi l-piena approprjata hi dik tal-multa.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Noel Tanti ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahrejn u minflok tikkundannah ghall-hlas tal-multa massima ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant Anthony Tanti ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahar u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' disa' mija u wiehed u tletin euro  u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------